# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA’ LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 503**

**It-Tnejn 21 ta’ Jannar, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 503.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

503.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 503.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

503.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 502.6.17 u minflok il-kliem 'il-ħajt tas-sejjiegħ jittella' mill-Kunsillieri' jidħol il-kliem "tiġi organizzata *clean up* u jittella' l-ħajt tas-sejjiegħ.

503.2.2 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 502.6.12 u minflok il-kliem 'quddiem ir-residenza' jidħol il-kliem 'u qed jidħol l-ilma fir-residenza'.

503.2.3 Il-minuti tal-502 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 503.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

503.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti illi kien inbeda x-xogħol ta' *traffic management* fi Triq ix-Xgħajra.

503.3.2 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar is-*central strip* li kienet qed issir fi Triq ix-Xgħajra u qal illi uħud mir-residenti kienu lmentaw li tneħħa *bus stop* kif ukoll li kien żdiet il-periklu għas-sewwieqa.

503.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ma kien tneħħa l-ebda *bus stop*. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol kien għadu ma tlestiex u li kien għad jonqos it-twaħħil tas-sinjali tat-traffiku u ż-żebgħa ta' marki tat-toroq.

503.3.4 Is-Sindku qal illi fix-xhur li ġejjin kien mistenni jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra mill-Gvern Ċentrali.

503.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin kien mistenni jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħadd in-Nies.

503.3.6 Is-Sindku qal illi kienet tlestiet l-ewwel fażi mill-proġett ta' *resurfacing* fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok magħrufa bħala Triq iċ-Ċawsli u żied jgħid li kienet nbdiet it-tieni fażi li tinkludi korsija għar-roti kif ukoll parti ddedikata għall-mixi.

503.3.7 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba li rċieva mingħand diversi residenti sabiex il-Kunsill iżid il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill Lokali u ssuġġerixxa biex kull nhar ta' Erbgħa l-Kunsill jibqa' miftuħ sas-6.30 ta' filgħaxija. Is-Sindku qal li l-impjegati tal-Kunsill kienu aċċettaw li jaħdmu sahra matul dawn il-ħinijiet. Fuq

proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jiftaħ l-uffiċini tal-Kunsill għall-pubbliku kull nhar ta' Erbgħa bejn l-4.30 u s-6.30 ta' filgħaxija.

503.3.8 Il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

503.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'Ħaż-Żabbar ma kienx hemm bini eżistenti li jista' jinbidel f'*night shelter* għall-anzjani. Is-Sindku qal ukoll illi kien qed jipprova jagħmel laqgħa mal-Arċisqof ta' Malta sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li jinfetaħ *night shelter* għall-anzjani Żabbarin fil-bini tal-Istitut Dar Sagra Familja.

503.3.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinstab investitur li jkun lest li jagħmel il-proġett ta' *night shelter* għall-anzjani Żabbarin u l-Kunsill jagħmel *Public Private Partnership* ma' dan l-investitur.

503.3.11 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Josette Curmi dwar inċident li allegatament kellha fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar fejn talbet kumpens ta' €57.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

503.3.12 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Doreen Vella dwar inċident li allegatament kellha fi Triq Bormla, Żejtun fejn talbet kumpens ta' €90.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà u li tintbgħat ittra legali bħala risposta peress illi l-allegatament inċident seħħ fi triq distributorja.

503.3.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati, għall-ħaddiema li qegħdin fuq l-iskemi tal-*Community workers scheme*, *RSSL, CIES* u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-*Mapfre Middlesea* hija għall-ħlas ta' €48.75 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposata tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha, filwaqt li jiġu nklużi ukoll f'din il-polza ta' assigurazzjoni l-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

503.3.14 Dwar il-polza ta' assigurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, qabel unanimament li jġedded il-polza għall-ħlas ta' €65.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

503.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Island Insurance Brokers Limited* kienet ser tagħlaq u talab l-

approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi estiża l-polza ta' assigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Island Insurance Brokers Limited* għall-prezz ta' €3,037.07.

**503.4 Jum Ħaż-Żabbar**

503.4.1 Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

503.4.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pierre Pisani dwar in-nominazzjoni tiegħu sabiex jingħata Ċertifikat ta' Ħajr. Is-Sur Pisani, filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill għal din in-nominazzjoni, talab sabiex dan il-ħajr jingħata lill-memorja tal-mibki Christopher Portelli, attivist tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, li kien miet traġikament fuq il-post tax-xogħol tiegħu ftit tal-jiem ilu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ċ-Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Christopher Portelli għall-impenn tiegħu fil-qasam kulturali.

503.4.3 Is-Sindku tkellem dwar il-programm tal-1 ta' Frar, 2019 u qal illi fis-6.00 ta' filgħaxija kienet ser issir quddiesa u wara jsir riċeviment tal-okkażjoni.

503.4.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar, 2019.

**503.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2014)**

503.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 5/2014 għal servizz ta' ġbir ta' skart domestiku li l-Kunsill għandu mas-Sur David Borg kien ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2019, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

503.5.2 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa biex tinstab soluzzjoni u nhar ta' Tnejn il-borża tal-iskart imħallat (il-borża s-sewda) tinġabar filgħodu bi trakk separat. Dan sabiex tonqos l-inkonvenjenza għar-residenti u l-boroż is-suwed ma jitħallewx barra għal tul ta' ħin.

503.5.3 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar kien ser jagħmel laqgħa mal-*Greenpak*, il-kumpanija responsabbli mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli f'Ħaż-Żabbar u qal illi kien ser jiddiskuti, fost affarijiet oħra, il-possibilità li l-borża tal-iskart riċiklat tinġabar aktar minn darba fil-ġimgħa.

- **Offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar**

503.5.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għal-offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar.

- **Tindif ta' toroq mhux urbani**

503.5.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal tindif ta' toroq mhux urbani.

**503.6 Ħatra ta' kumitat ta' evalwazzjoni tal-offerti:**

- **Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 8/2018)**

503.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 8/2018) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar, mill-Viċi-Sindku s-Sur Mark Grech u mill-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri.

- **Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019)**

503.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar, mill-Viċi-Sindku s-Sur Mark Grech u mill-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri.

- **Tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 2/2019)**

503.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għaż-żamma u manutenzjoni tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 2/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar, mill-Viċi-Sindku s-Sur Mark Grech u mill-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri.

**503.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

503.7.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2018 u l-21 ta' Jannar 2019 li kienet tammonta għal €93,278.06.

503.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Diċembru 2018 li kien jammonta għal €26.12.

**503.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

503.8.1 Is-Sur John J Pace tkellem dwar ir-rapport li deher fil-mezzi tax-xandir dwar ir-raklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra u qal illi kien ġie avviċinat minn xi residenti sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal dan il-proġett. Is-Sindku qal illi r-rapport li deher fil-mezzi tax-xandir kien sar minn awtorità indipendenti u qal ukoll illi kien hemm xi ħadd, mhux minn naħa tal-Gvern, li żvela rapport mhux konkluż.

503.8.2 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienu qed jidhru diversi kummenti fuq il-mezzi soċjali dwar ir-raklamazzjoni tal-art u talbet sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal dan il-proġett.

503.8.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lill-Kunsill sabiex joġġezzjona għar-raklamazzjoni tal-art fix-Xgħajra peress illi kienet ser issir raklamazzjoni tal-art f'Ħaż-Żabbar ukoll. Is-Sindku qal illi għadu kmieni biex il-Kunsill juri l-pożizzjoni tiegħu dwar dan il-proġett.

503.8.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività tal-Karnival f'Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 3 ta' Marzu, 2019.

503.8.5 Is-Sur Joseph Vella talab biex il-Karnival f'Ħaż-Żabbar għal din is-sena jiġi organizzat f'Misraħ is-Sliem. Is-Sur Vella ppropona li jsiru żewġ attivitajiet tal-karnival; filgħodu ssir sfilata b'sett ta' maskri grotteski, banda brażiljana u żfin, u filgħaxija ikun hemm programm bil-preżentazzjoni tal-komiku Tonio Vella li tinkludi żfin, *belly dancing*, spot folkloristiku, maġija u illużjoni. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Vella u l-Kunsill qabel unanimament li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Karnival fil-lokalità għall-prezz ta' €2,775.

503.8.6 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel iddoqq fl-okkażjoni tal-Karnival.

503.8.7 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk hux minnu li l-Kunsill kien xtara tagħmir sabiex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill biex jinqata' il-ħaxix ħażin minn toroq mhux urbani. L-Aġent Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

503.8.8 Is-Sur Joseph Vella talab lill-Kunsill biex jidentifika żoni f'Ħaż-Żabbar u jiġu organizzati *clean ups* fil-lokalità.

503.8.9 Is-Sur Joseph Vella reġa' talab li jitbaxxew ir-*road humps* li hemm fi Triq Alessio Erardi.

503.8.10 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser jinbeda l-proġett f'Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qiegħed fil-proċess tas-sejħa għall-offerti.

503.8.11 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm sprall iħabbat fi Triq il-Kunvent kantuniera ma' Triq iċ-Ċawsli.

503.8.12 Fis-6.50 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

503.8.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm ħofra perikoluża fi Triq Bajada maġenb il-ħanut Maltco.

503.8.14 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li Triq il-Kbira tinkines iktar ta' spiss.

503.8.15 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk ġiex irranġat id-dawl mal-istatwa tal-Madonna fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

503.8.16 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata bankina perikoluża fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Baron Confectionery.* Dan peress illi l-għeruq tas-siġar kienu qalgħu l-wiċċ tal-bankina.

503.8.17 Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-passat kien twaħħal dawl fil-bankina quddiem ħanut fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Agius żied jgħid illi dan id-dawl ma kienx livellat mal-wiċċ tal-bankina u kien qed joħloq periklu għall-*pedestrians.*

503.8.18 Fis-6.55 ta' filgħaxija s-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa.

503.8.19 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitneħħew *stands* li twaħħlu mis-sid tal-ħanut li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Grazzji.

503.8.20 Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

503.8.21 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li titwaħħal *road hump* fi Triq Felice. Is-Sinjura Calleja qalet li kien hemm residenti fi Triq Felice li lesti jaċċettaw li r-*road hump* titwaħħal quddiem ir-residenza tagħhom.

503.8.22 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex id-dawl tal-globi li hemm fi Triq is-Santwarju jkunu jixgħelu kollha kulur wieħed.

503.8.23 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-globi tad-dawra tal-monument tal-gwerra li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienu mitfija.

503.8.24 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-14 ta' Frar 2019 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum San Valentinu.

503.8.25 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *traffic management* fiż-żona ta' Triq il-Fiġel, Triq il-Faqqus, Triq il-Qaqoċċ u l-madwar.

503.8.26 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa biex il-*Housing Estate* jinkines b'mod regolari u qal li diversi *soft areas* ma kinux qed jinżammu nodfa.

503.8.27 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *extensive patching* fi Triq id-Dliela peress illi kien hemm ħafna ħofor perikolużi u kien qed jidħol l-ilma tax-xita fir-residenzi.

503.8.28 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jitwaħħal zokk ma' uħud mis-siġar li kienu tħawwlu fi Triq tal-Labour biex jagħti *support* lis-siġar.

503.8.29 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġi rranġat ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa peress illi kien ta' periklu.

503.8.30 Il-Viċi-Sindku ressaq ilmenti li kien irċieva mingħand ir-residenti sabiex tinżebagħ il-kurduna tat-*traffic island* li hemm fi Triq Alessio Erardi fil-viċinanzi tal-*pet shop* u talab sabiex isir infurzar lokali peress illi l-vetturi kienu qed jipparkjaw ħażin u joħolqu periklu għas-sewwieqa.

**503.9 Mozzjonijiet; u**

503.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**503.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

503.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-505 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Frar, 2019.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku